MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 34

21 ta' Diċembru 2021

Minuti tas-seduta Nru. 34 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 21 ta' Diċembru 2021 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 33, li saret fl-24 ta' Novembru 2021, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. *Mobile App* tal-Kunsill (I/1/3/Vol VI)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 5.3.1. tas-seduta ta' qabel, fejn il-fornitur tal-app intalab statistika dwar kemm:

(a) Kemm kien hemm persuni li niżżlu l-app minn meta din ġiet introdotta f'Settembru 2017;

(b) Minn Jannar 2021:

i. Kemm il-darba ġiet aċċessata;
ii. Kemm tressqu ilmenti; u
iii. Kemm kien in-numru ta' servizzi li ntalbu permezz tal-app.

2.1.3. Permezz ta' imejl datat 9 ta' Jannar 2021, il-fornitur tas-servizz allega li l-app tniżżlet ftit iktar minn 100 darba. Dan in-numru baxx qed jiġi attribwit għan-nuqqas ta' pubbliċità mogħtija mill-Kunsill.

2.1.4. Intqal ukoll li x'imkien lejn l-aħħar tal-2020, il-pjattaforma wżata biex tinbena l-app oriġinali, ma baqatx aktar onlajn. Dan għamel xi partijiet tal-app inoperabbli b'mod partikulari l-immaġini. Għaldaqstant kien kostrett li jinvesti fi pjattaforma u *server* tiegħu stess, kif ukoll bena l-app mill-ġdid. Il-verżjoni tal-app attwali hija ferm aktar veloċi, avvanzata teknoloġikament, u sikura. Il-fornitur ikkummenta li minħabba li ma ngħatatx pubbliċità da parti tal-Kunsill u l-verżjoni l-ġdida tnizzlet biss 45 darba.

2.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, iżda xorta waħda qabel li l-app għandha tiġi sospiża b'effett mill-1 ta' Jannar 2022, minħabba iż-żieda fil-rata tal-ħlas mitlub.

## 2.2.1. Arranġamenti tat-traffiku fil-Manikata (T/3/2/Vol XVI)

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna li saret spezzjoni fil-Manikata li għaliha attendew is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier E. Bartolo, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, u uffiċjal minn Transport Malta.

2.2.3. Fit-triq ta' biswit Ġnien iż-Żerniq ġiet diskussa l-possibiltà li tonqos għal korsija waħda fil-kurva tagħha, bil-għan li jinħoloq spazju għall-vetturi li jiġu pparkjati qrib il-*bring-in site* proposta fl-istess triq.

2.2.4. Spezzjoni oħra saret fi Trejqet il-Ħarrub, kantuniera ma' Triq il-Mejjiesa, minħabba li jeżisti periklu kkawżat minn vetturi li jkunu telgħin minn tal-ewwel. Il-fehma ta' dawk preżenti kienet li Trejqet il-Ħarrub għandha tingħata prijorità u għaldaqstant kien hemm qbil li għandhom jsiru sinjali u tabelli *stop* fi Triq il-Mejjiesa, kif ukoll issir kurduna 'l barra sabiex vetturi telgħin minn Trejqet il-Ħarrub ma jibqgħux jaqtgħu għad-dritt lejn il-lemin, hekk kif jaslu ma' Triq il-Mejjiesa.

2.2.5. Il-Kunsill laqa' iż-żewġ proposti u talab li jsiru rappreżentazzjonijiet dwarhom ma' Trasport Malta.

## 2.3.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi

**(A/5/3/1/Vol XVII) (A/5/3/6/Vol VIII)**

2.3.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-avvenimenti msemmija li seħħew bejn il-15 u d-19 ta' Diċembru 2021. Huwa wera l-apprezzament tiegħu għall-mod kif dawn ġew organizzati bl-involviment tal-impjegati s-Sinjuri M. Gambin u P. Caruana, flimkien mas-Sindku D. Vella u l-Kunsilliera A. Brincat Stellini.

2.3.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa jissekonda l-proposta skont il-minuta 2.3.2..

## 2.4.1. Servizz dwar testijiet tad-demm mill-Berġa (M/8/Vol VI)

2.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li permezz ta' imejl datat 17 ta' Diċembru 2021, il-Kap Eżekuttiv tad-Dipartiment tal-Kura Primarja għarrfet li qed isiru tħejjijiet sabiex tiżdied il-frekwenza li jittieħdu kampjuni tad-demm u l-urina mill-berġa tal-Mellieħa.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tweġiba.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1.1. Ma kien hemm ebda mistoqsijiet.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 17/12/21;
- Skeda ta' Pagamenti – 22/11/21 – 17/12/21;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 11/11/21 – 14/12/21;
- Abbozz tal-Estimi Finanzjarji 2022;

- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – Bord tal-Park tal-Majjistral – 12/03/21;
- Aġenda – Bord tal-Park tal-Majjistral – 20/12/21;
- Minuti – Reġjun Tramuntana – 27/11/21;
- Aġenda – Reġjun Tramuntana – 10/12/21.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Użu ta' art fi Triq il-Marfa bħala parkeġġ fix-xhur tas-sajf (P/5/8/M)

5.1.2. Saret referenza għal applikazzjoni PA 8247/20 sabiex qatgħa li tinsab fi Triq il-Marfa, faċċata ta' Dawret it-Tunnara tintuża bħala parkeġġ fil-perjodu bejn Mejju u Settembru

5.1.3. Il-Kunsill oġġezzjona għat-talba billi l-art in kwistjoni tinsab 'il barra miż-żona tal-iżvilupp

### 5.2.1. Tour ta' Malta fil-Mellieħa (A/6/3/2/Vol 93)

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 7 ta' Diċembru 2021 fejn il-kumitat organizzattiv tas-26 Edizzjoni tat-Tour ta' Malta talab sabiex it-tielet tappa issir fi Triq Lewis Wettinger u Dawret il-Mellieħa, nhar il-Ħadd 17 ta' April 2022, bejn l-10:00am u nofsinhar.

5.2.3. Il-Kunsill ma sabiex oġġezzjoni għall-attività *per se',* iżda rrifjuta li l-avveniment iseħħ fid-data ndikata peress li taħbat l-Għid il-Kbir, meta jkun mistenni li jitla' traffiku aktar minn normal.

### 5.3.1. Pubblikazzjoni ta' *paper* dwar l-ipparkjar (T/3/5)

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għad-dokument imsemmi li ġie ppubblikat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-1 ta' Diċembru 2021 bħala parti mill-Viżjoni 2024. L-Assoċjazzjoni qed tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali jikkummentaw u jagħtu s-suġġerimenti tagħhom dwar dan id-dokument.

5.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa apposta dwar dan is-suġġett fit-28 ta' Diċembru 2021 fil-11.00am.

### 5.4.1. Installazzjoni ta' *charging pillars* (V/4)

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li fl-1 ta' Diċembru 2021, huwa flimkien mal-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar attendew laqgħa msejħa mill-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, fejn intqal li qed isiru t-tħejjijiet sabiex jiġu nstallati aktar *charging pillars* madwar Malta u Għawdex. Sax-xahar ta' Jannar 2022 is-sidien tal-vetturi elettriċi se jkollhom aċċess għal total ta' 362 *charging pillar* f'70 post differenti. Biex tiffaċilita l-aċċessibbiltà ta' dawn il-faċilitajiet, ġiet żviluppata sistema ġdida bl-isem - *Charge my Ride* - li tippermetti lis-sidien ta' vetturi elettriċi jniżżlu l-app *Charge my Ride* li permezz tagħha l-utenti jkunu jistgħu jirreġistraw id-dettalji personali u bankarji tagħhom, jiskannjaw il-kodiċi QR fuq id-diversi pilastri madwar Malta u jħallsu skont l-konsum.

5.4.3. Il-pjan huwa li tiġi eliminata gradwalment is-sistema l-antika ta' 56 *charging pillar* u minflokha tidħol is-sistema *Charge my Ride*. L-għan aħħari huwa li fit-tliet snin li ġejjin ikunu ġew installati 1,200 *charging pillar.* Il-Kunsill ġie mfakkar li fil-Mellieħa diġa ġew installati *charġing pillars* fi:

- Il-Parkeġġ tal-Għadira;
- Triq Edward Camilleri;
- Triq l-Gholjiet k/m Triq l-Etna; u
- Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

Għal dan il-għan, il-Kunsill intalab jindika ħames postijiet oħra sat-28 ta' Jannar 2022.

5.4.4. Il-Kunsill qabel li għandu jibqa' konsistenti mal-pożizzjoni tiegħu dwar dan is-suġġett, u ppropona li, kemm jista' jkun, isiru *charging pillars* qrib *substations* tal-Enemalta sabiex jiġu evitati trinek, eċċ. Il-postijiet indikati kienu:

- Triq Ta' Masrija qrib il-k/m Triq ir-Rattan;
- Triq Għajn Żejtuna (isfel);
- Triq Mons. Franġisk Xuereb;
- Parkeġġ quddiem l-Iskola Primarja k/m Triq il-Mitħna l-Ġdida;
- Triq Mons. Ġużeppi Schembri;
- Triq Salvu Camilleri; u
- Triq il-Fuħħar (Manikata).

5.5.1. **Bankina fi Triq il-Gardell** **(T/4/12/Vol II)**

5.5.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 22 tad-19 ta' Jannar 2021, dwar qagħda tal-ilma li tifforma f'post partikulari fl-istess triq. Huwa qal li tkellem ma' uffiċjal minn Infrastructure Malta, li għarrfu li l-istess aġenzija tikkonsidra li jsiru bankini dojoq sa massimu ta' 30 ċentimetru fuq naħa waħda tat-triq, sakemm ikun hemm oħra ta' qies normali fuq in-naħa l-oħra.

5.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ikkonferma li ra bankini tat-tip imsemmi fil-minuta preċedenti fi bnadi oħra, iżda għarraf li l-problema ta' Triq il-Gardell ġiet riżolta billi saru spralli għall-ilma tax-xita fejn kienu jiffurmaw l-għadajjar tal-ilma.

**5.6.1. Presidenza tar-Reġjun Tramuntana** **(R/5)**

5.6.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg fakkar li fil-31 ta' Diċembru 2021 is-Sur Anton Mifsud ser itemm il-kariġa bħala President Reġjonali wara tnax-il sena. Il-president elett, is-Sur Clifford Galea ser jibda l-mandat tiegħu mill-1 ta' Jannar. L-ewwel laqgħa li huwa ser jippresjiedi ser tkun fit-12 ta' Jannar.

5.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.7.1. Inizjattivi marbuta mal-epidemija tal-Covid-19** **(D/4)**

5.7.2. Il-Kunsillier I. Castillo għarraf li l-kumpanija Norwex Ltd għandha l-intenzjoni tagħmel it-tieni għotja ta' ħamsin elf maskra sabiex jitqassmu lir-residenti tal-Mellieħa u l-Manikata.

5.7.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar, qalet li dawn jistgħu jitqassmu mill-uffiċċju sa' ċertu data, imbagħad jingħataw lil tal-ħwienet jew postijiet oħra ffrekwentati mill-pubbliku.

5.7.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ssuġġerixxa li jsir użu minn *data* disponibbli li turi n-numru ta' residenti f'kull dar, u n-numru ta' maskri li jingħata jkun proporzjonat man-numru ta' persuni residenti f'kull unit.

5.7.5. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li kemm-il darba dawn ma jkunux issiġillati waħda waħda, jew f'pakketti żgħir, ser ikun diffiċli biex jitqassmu lir-residenti.

**5.8.1. Ħsara fuq ħajt fi Triq l-Għorgħar** **(H/1/3/Vol II)**

5.8.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li saret ħsara fuq ħajt li jżomm it-triq fi Triq l-Għorgħar kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Ġdida. Hija qalet li vettura daħlet fiħ u konsegwenza ta' dan inħoloq periklu peress li hemm diżlivell bejn it-triq u l-għalqa ta' biswitu.

5.8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

**5.8.1. Sistema ta' *one-ways* taħt il-Pont tal-Mistra** **(T/4/4/Vol II)**

5.8.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li diversi persuni li għandhom raba fil-Mistra lmentaw dwar tabelli *No Entry* li twaħħlu għal min ikun ħiereġ mit-triq tal-Mistra li jipprojbixxu li wieħed jgħaddi mit-triq tax-xelluġ. Apparti hekk, sewwieqa li jkun sejrin lejn il-Mellieħa qed ikollhom iduru mar-roundabout tax-Xemxija, peress li l-linja ta' nofs it-triq saret kontinwa. Huwa fakkar li fis-seduta Nru. 19 tat-13 ta' Ottubru 2020 kien ressaq proposta sabiex isiru *traffic lights* li jiffunzjonaw permezz ta' *sensors* bil-għan li t-traffiku fit-Telgħa ta' Selmun ma jitwaqqafx bla bżonn. Permezz ta' din il-miżura jispiċċa l-periklu li jinħoloq meta vetturi kbar joħorġu mit-triq tal-Mistra, peress li t-*turning circle* ġġegħelhom jokkupaw iż-żewġ korsiji.

5.8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li saret rappreżentazzjoni ma' Transport Malta f'dan is-sens, iżda minflok saru *rumble strips* u l-wiċċ tat-triq inkesa b'materjal aħmar fejn iż-żewġ *junctions*. Qal ukoll li ma kien hemm ebda konsultazzjoni da parti ta' Infrastructure Malta qabel saru l-arranġamenti attwali. Kompla jinforma lill-Kunsill li wara l-ilmenti li daħlu, saret rappreżentazzjoni mill-ġdid ma' Transport Malta fejn ittenniet il-proposta tat-*traffic lights*.

5.8.4. Il-Kunsill innuta t-tagħrif mogħti u l-azzjoni li ttieħdet.

**6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku Dario Vella, li tgħid:**

***"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awwissu 1999, twaqqfu l-onoreficenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f'xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor, jew għollew l-isem tal-lokalita`;***

***Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fis-16 ta' Novembru 2021, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni, skont ir-rapport tal-istess Bord tat-30 ta' Novembru 2021, liema rapport ġie diskuss waqt laqgħa nformali tal-Kunsill li saret fit-2 ta' Diċembru 2021; u***

***Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onoreficenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna jew entità waħda", filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet; u***

***Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali għal xi kontribut partikulari, permezz ta' l-unur "Apprezzament il-Mellieħa";***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-onoreficenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:***

- ***Ir-Reverendu Mario Dimech – Saċerdot;***

***filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa":***

- ***Is-Sur Stephen Xuereb – Tmexxija Korporattiva;***
- ***Is-Sur John Sammut – Artiġġjanat Tradizzjonali;***
- ***Noah's Ark Animal Sanctuary – Volontarjat b'rabta mal-Benesseri tal-Annimali;***

***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur "Apprezzament il-Mellieħa":***

- ***Lis-Sur Anthony Valletta – Volontarjat b'rabta mal-Patrimonju Mellieħi;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li jirratifika l-qbil unanimu li kien hemm fil-laqgħa tat-2 ta' Diċembru 2021, li kienet segwita bil-preżentazzjoni tal-unuri, li saret waqt ċ-ċerimonja tas-16 ta' Diċembru 2021, f'Misraħ il-Parroċċa, fil-Mellieħa.".*** **(A/5/3/1/Vol XVII)**)

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier I. Castillo.

## 7.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2021 (F/1/1/Vol IV)

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar / Settembru 2021 ammonta għal €1,032,381, li jikkonsisti f'€975,292 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €51,697 kienu miżati marbuta ma' attivitajiet li jeħtieġu l-ħruġ ta' permessi mill-Kunsill Lokali, u €5,392 kienu relatati mal-Infurzar tal-Liġi u dħul ieħor.

7.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti żdied b'€ 326,902 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u kien ta' €2,018,097. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €1,927,056, Stokks ta' kotba li l-valur tagħhom kien ta' €24,187, flimkien ma' flejjes oħra li l-Kunsill kellu jdaħħal li ammontaw għal €66,854.

7.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti netti żdiedu meta mqabbla mat-tliet xhur ta' qabel, minn €517,444, għal €791,929. Dawn kienu magħmula minn ammonti ffatturati (€108,855), u dovuti (€330,597) fir-rigward tan-nefqa li saret, iżda li ma kinitx iffatturata sa tmiem il-perjodu koperti b'dan ir-rendikont. Kien hemm Dħul Differit €352,477, peress li l-Allokazzjoni Finanzjarja dovuta għall-perjodu Ottubru/Diċembru 2021 ġiet mgħoddija qabel iż-żmien.

7.5. In-nefqa kienet tikkonsisti minn €154,532 fuq pagi tal-impjegati u *allowances* tal-membri tal-Kunsill, €493,323 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €40,629 fuq Amministrazzjoni, filwaqt li Deprezzament fuq assi permenant ġie kkalkulat għal €277,539.

7.6. Meta titqies in-nefqa totali ta' €966,023, irriżulta bilanċ pożittiv ta' €66,358 mill-bidu tas-sena. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja kiber b'4% fuq it-tliet xhur ta' qabel u laħaq 98%.

7.7. Is-Segretarju Eżekuttiv għalaq billi qal li mill-bidu tas-sena finanzjarja ġew kapitalizzati b'kemm jiswew ta' €78,369 ta' assi permanenti, filwaqt li ma ġew ikkanċellati ebda assi li kienu reġistrati. L-ispiża oriġinali fix-xiri tal-Assi Fissi kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €9,909,736 li l-valur nett tagħhom fil-kotba, sa' Settembru 2021, huwa ta' €1,909,031.

7.8. Il-Kunsill innota l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie approvat ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf.

## 8.1. Estimi Finanzjarji 2022 (F/1/33)

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ressaq rendikont dwar id-dħul u l-infieq previst għas-sena finanzjarja 2021. Ressaq ukoll abbozz ta' dħul previst għall-2022, kontra l-estimi li jinkludu l-proġetti u inizjattivi maqbula mill-Kunsill fis-seduti preċedenti, partikularment f'dawk li huma proġetti kapitali u attivitajiet kulturali.

8.3. Is-Sur C. Debono spjega li għat-tieni sena konsekuttiva l-pandemija kellha effett fuq l-infieq, u għalhekk ma jkunx għaqli li l-estimi 2022 jiġu bbażati fuq in-nefqa attwali tal-2021.

8.4. Huwa kompla jgħid li l-abbozz imressaq sar *on a cash basis* u għalhekk la darba jiġi finalizzat, jeħtieġ li jiġu mgħoddija lill-*accountant* sabiex jitħejjew abbażi ta' *accruals.* B'hekk jittieħdu in konsiderazzjoni fatturi oħra bħalma huwa d-deprezzament fuq l-assi permanenti, il-valur tal-i*stocks*, *short* u *long term liabilities*, eċċ.

8.5. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna li l-baġit fejn jidħlu attivitajiet kulturali jkun wieħed sinifikanti u jirrappreżenta madwar 9% tal-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali. Din in-nefqa ser tkun appoġġjata permezz ta' skemi maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

8.6. Tressaq-abbożż tan-nefqa kulturali skont l-iskeda li tidher hawn taħt:

| | |
|---|---:|
| Koperazzjoni kulturali mal-għaqdiet mużikali | 14,400 |
| Attivitajiet li jinqalgħu | 5,000 |
| Tiżjin ta' toroq fil-perjodu tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena | 11,000 |
| Attivitajiet għat-tfal u l-anzjani fil-period tal-Milied | 1,500 |
| Milied Melliehi | 23,000 |
| Kontribut għall-wirja piroteknika fl-Ewwel tas-Sena | 2,000 |
| Attività tal-Epifanija fil-Mellieħa parti minn Bethlehem f'Għajnsielem | 900 |
| Attività ta' Jum l-Omm | 1,000 |
| Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Hġejjeġ | 5,500 |
| Arti fil-Misraħ | 2,000 |
| Jum il-Kunsill | 5,400 |
| Iljieli Melleħin | 33,000 |
| Jum Dinji tat-Tfal | 1,500 |
| Animal Fest | 2,000 |
| **Spiża totali fuq attivitajiet kulturali** | **108,200** |

8.7. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-vot 3391 tal-Librerija Pubblika għandu jipprovdi għal €800 għax-xiri ta' pubblikazzjonijiet ġodda, fost oħrajn, biex b'hekk it-total tiegħu jitla' għal €3,600.

8.8. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ippropona li l-vot 2990 għandu jiżdied għal €1,500 sabiex jagħmel tajjeb għal attrezzar aħjar tal-i*stand* tal-Kunsill waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

8.9. Is-Sur J. Buttigieg ippropona wkoll il-vot 3061 għandu jiżdied għall-€64,000 sabiex tiġi nstallata sistema ta' irrigazzjoni fil-Park tal-Familja.

8.10. Tressaq-abbozz tan-nefqa kapitali abbażi tad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti skont l-iskeda li tidher hawn taħt:

| | |
|---|---:|
| **Titjib** | **253,000** |
| Titjib fl-Uffiċċju tal-Kunsill | 5,000 |
| Dwal ġodda fit-toroq | 243,000 |
| Għamara ġdida fit-toroq | 5,000 |
| | |
| **Tagħmir** | **95,500** |
| Tagħmir tal-Uffiċċju | 3,000 |
| Tagħmir tal-Kompjuters | 2,500 |
| Sistemi ta' sigurtà | 90,000 |
| | |
| **Programmi Speċjali** | **1,048,775** |
| Proġett tat-Tunnara | 39,505 |
| Miżuri korrettivi fil-Multi-Purpose Court | 112,270 |
| Spralli għall-ilma tax-xita u bini ta' ġwiebi | 82,000 |
| Embellishment of Stepped Streets | 170,000 |
| Mons F Xuereb/Nahal/Etna Open Space | 500,000 |
| Lift panoramiku – Triq l-Inkurunazzjoni | 70,000 |
| Żvilupp ta' infrastruttura ħadra | 55,000 |
| Restawr tan-niċċa fil-Marfa | 20,000 |

8.11. Il-Kunsill approva n-nefqa rikorrenti, kif ukoll is-suġġeriment mressqa skont il-minuta 8.9, 8.10, u 8.11, filwaqt li kkonferma dik kapitali kif miftiehma fis-seduta preċedenti. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv intalab jħejji l-Estimi abbaż l-*accruals*, skont il-proċeduri stabbiliti.

8.12. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalità ssir fil-11 ta' Jannar 2021 fis-6.00 pm, fejn il-pubbliku jkun jista' iseġwi u jipparteċipa onlajn.

### 9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Diċembru 2021.

11.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

11.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn il-11 ta' Novembru u l-14 ta' Diċembru 2021.

11.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-22 ta' Novembru u s-17 ta' Diċembru 2021.

11.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fit-8.00 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 17 ta' Jannar 2022 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**